**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Gunju 2021**

**Rik. Div. Nru : 423/2020 JPG**

**Kawza Nru : 19**

**TC**

**Vs**

**MC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' TC datat 18 ta' Dicembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990), minn liema zwieg kellhom wild wiehed;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Joseph Debono, liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi m'hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha datat 9 ta' Marzu 2021 (vide fol 12);

Rat in-Noti ta' MC u TC datati 16 ta' Marzu 2021 (vide fol 13 u 28);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MC** xehed (vide affidavit fol 15) illi huwa izzewweg lil intimata TC nhar is-17 ta' Marzu 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom wild, illum maggiorenni. Zied jghid illi filfatt daz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar l-14 ta' Novembru 2002 (vide kuntratt a fol 3 et seqq. tal-process). Iddikjara illi il-kontendenti illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejniethom.

**TC** xehdet (vide affidavit fol 22) u kkollaborat u kkonfermat dak li xehed MC.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Marzu 1990 liema zwieg jgib certifikat numru 270/1990 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 26). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, nhar l-14 ta' Novembru 2002 (vide Dok A, kuntratt tas-separazzjoni fol 3 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jinsab sodisfacentement ippruvat illi l-

kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 270/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**